Raja Ahmed

Joe Pace

merlin

# 01

Id-duħħan rajtu tiela' 'l fuq, bħalma rawh dawk kollha marsusa miegħi ġol-pjazza. Kont bilwieqfa fuq waħda miż-żewġ irħamiet mnejn tista' tara l-kolonni tal-Bernini f'linja dritta qishom suldati. Kont diġà mort fuq l-irħama l-oħra u issa, biex insib xi ħaġa x'nagħmel, kont qed nittawwal minn fuq ta' din-naħa. Imbuttajt żewġt irġiel minn fuqha pulit pulit, taparsi lqatthom bi żball, biex inkun nista' noqgħod fuq il-post eżatt.

Tliet xhur dam ħiereġ duħħan iswed mis-Sistina. Konna kważi qtajna qalbna li se jiftiehmu. Ħafna ma setgħux jifhmu kif il-Prinċpijiet ma setgħux jisimgħu sewwa lill-Ispirtu. Mela dawk mhux dejjem ikollhom ir-risposti ċari mill-Ispirtu s-Santu? Jew forsi Alla kien bidel il-lingwa li jkellimhom biha? Tliet xhur. Konna kważi nsejna l-pompa li biha ndifen l-aħħar suċċessur ta' Pietru. Uħud bdew jemmnu l-profeziji

tat-tmiem tal-Knisja, jekk mhux ukoll taż-żminijiet. Jien? Kont komplejt nixrob bħas-soltu ... u niekol ukoll, niftiehmu.

Kważi kważi, anke l-programmi tal-aħbarijiet kienu bdew jaqbżu l-konklavi fil-lista ta' ħwejjeġ li jsemmu kuljum biex jilluminawna. U konna ninsewhom aħna wkoll li kieku mhux għax ...

Jien stess lanqas naf għalfejn iddeċidejt li mmur Ruma dawk il-ġranet. Żgur mhux għax kont niekol l-għatba tal-knisja; anzi, kont ilni ma nidħol ġo waħda snin sħaħ, jekk mhux għal xi tieġ ta' xi ħadd qrib sewwa jew funeral li ma stajtx nevitah ... u ovvjament għall-festa, imma dik tistennieha minn membru tal-Kumitat. Biss dakinhar kont qomt u xi ħaġa qaltli li kont ilni ma nsiefer ftit. Ix-xogħol kien rikibni u kelli leave mġemma' mis-sena ta' qabel. Intfajt mal-mejda tal-ikel inqarmeċ il-kolazzjon u waqt li stennejt il-kitla tagħli xgħelt it-televixin: sibt stazzjon tal-aħbarijiet u semmew il-konklavi li kulħadd kien nesa ħlief aħna ġo dil-gżira ... għax kien hemm hu, il-Kardinal Malti, il-ħabib tiegħi Massimo.

F'kemm trodd salib malajr malajr fuq moħħok, fommok u sidrek, sieħbi kien ħalla warajh l-ispellizza tal-abbatini, niżel prostrat quddiem l-Isqof ġo San Ġwann, newwel rasu biex jindilek biż-żejt imbierek

u, wara ftit, ħalla warajh il-merħla li kienu fdawlu xi mkien fl-Afrika (post li bilkemm naf ngħid ismu) biex mar imexxi xi uffiċċju mistur fil-qalba tal-Vatikan. Darba, imbagħad, niftaħ il-gazzetta u narah liebes il-porpra tal-kardinali, fuq wiċċu ħarsa mistħija ta' min jaħseb li ħadu żball u tawh unur li ma jistħoqqlux. Lanqas ridt nemmen: Massimo laħaq il-massimu.

Allura dakinhar filgħodu, bejn gidma ħobż mixwi u belgħa te jismot, qtajtha li napplika għal ġimgħa leave u nitla' Ruma. Qisni ridt nesperjenza mill-qrib dak li kien għaddej minnu sieħbi, avolja konna ilna ma nitkellmu s-snin. Wara kollox, ma setgħux ikomplu għaddejjin bla deċiżjoni u forsi kienet tiġini tajba u nkun Ruma meta jħabbru l-Papa l-ġdid. Imbagħad, wara li jsir dak li għandu jsir, kont forsi nara kif nagħmel u niltaqa' ma' Mons. Massimo u nieħdu mqar kafè flimkien f'xi pjazza Rumana, u nerġgħu nġeddu l-memorji tal-akkolta u ċ-ċensier.

Qattajt jumejn ġol-pjazza enormi ta' San Pietru. Għadni sal-lum ma nafx x'żammni hemm. Imma Ruma kont dortha drabi oħra u dak il-mument tant importanti għal miljuni ta' nies (għad li mhux għalija) saħħarni. Bdejt indur mal-pjazza nosserva 'n-nies. Tgħid x'kien ġabhom hemm? Possibbli għadhom jemmnu? Jew forsi jien intlift? Boqq. Rajthom hemm, kollha jistennew id-duħħan abjad.

Fit-tielet ġurnata, imbagħad, waqt li kont qed nippassiġġa ġol-folla, ħalqi jomgħod gidma pizza li kont xtrajt mingħand bejjiegħ li kien qed jisfrutta l-mument biex jaqla' sold żejjed, ħasditni twerżiqa ta' soru żewġ passi 'l bogħod. Kważi fgajt fl-ikel biex noffendiha b'ommha. Imma mbagħad rajtha tipponta b'subagħha, u oħrajn ukoll bdew jippuntaw bħalha.

*Daħna bajda. Daħna bajda. Iddeċidew.*

Bqajt hemm, niċċassa lejn dak id-duħħan tiela' bil-mod minn dik iċ-ċumnija. Jumejn qabel, meta kont wasalt fil-pjazza l-ewwel darba, kien hemm fumata nera, id-daħna sewda li turi li l-kardinali reġgħu ma ftehmux. Id-diqa ta' dawk il-fidili xewqana li kien hemm madwari kienet kważi tinħass fiżikament. Issa dehru li ddeċidew. Sorijiet u patrijiet madwari niżlu għarkupptejhom jew raddew is-salib jew bdew ikantaw b'diversi ilsna; u jitgħannqu bħalma għamlu bosta żgħażagħ li kienu nġemgħu hemm minn kull fejn il-Kattoliċi kellhom knisja. U jien, qisni l-iblah, bqajt nomgħod il-pizza waħdi, inħares lejn dak id-duħħan abjad, qisni l-mitluf.

Kulħadd beda jħares lejn il-loġġa tal-Bażilika minn fejn kellhom iħabbrulna l-isem tal-Magħżul. Min beda jsemmi lil dak il-kardinal u min lill-ieħor.

Kelli tromba żgħira li fi żminijiet oħra kont nuża biex nispija fuq l-għasafar. Kont tellajtha miegħi u issa bdejt ngħarrex biha lejn il-gallarija li minnha kellu joħroġ il-kardinal iħabbar. Għadda ħafna ħin u bosta bdew bħal jistaqsu *x*'seta' nqala'. Iżda mbagħad beda jidher ħafna moviment fil-gallarija u l-pjazza kollha ssummat. Deher il-kardinal, wiċċu serju. Għax mhux jidħaq?

"*Annuntio vobis gaudium magnum: Habemus Papam!*"

Ma deherx li kien qed iħoss xi ferħ kbir. "*Eminentissimum ac Reverendissimum Dominum, Dominum Massimo, Sanctae Romanae Ecclesiae Cardinalem Falzon.*"

Il-qaħba! Għamilha: il-Malti għamilha. Sieħbi, Massimo sieħbi! Massimo Falzon li miegħu kantajt stunat l-innu tal-patrun fil-parroċċa. Bdejt naqbeż qisni miġnun ngħajjat "Malta, Malta", waqt li ta' maġenbi tbissmu pulit, jew ħarsuli bl-ikrah u qabdu jiddiskutu bejniethom min hu dal-kardinal Malti.

Fil-gallarija deher li se jkompli. Ittawwalt mittromba. "*Qui sibi nomen imposuit …*" Waqaf u dar 'il ġewwa qisu biex jistaqsi għal darb'oħra u jaċċerta ruħu mid-deċiżjoni. Mill-bieb ta' warajh dehret id tagħmillu sinjal biex ikompli. Ejja, aqlagħha: għidilna *x*'isem għażel il-Massu.

Reġa' dar lejn il-folla. "*Qui sibi nomen imposuit … Aħmed!*"

Is-skiet kont taqtgħu b'sikkina. Ħareġ Massimo fil-gallarija, ixejjer bħala l-Papa l-ġdid, imma ftit ferħu għax il-ħasda kienet doppja. Xejn ma kien jonqosna: Papa Malti, Papa Aħmed.

# 04

Il-Maġġur Yohanan Jainof żarrad tnejn sewwa u telaq jiġri lejn il-kamra fejn kien hemm il-kameras tas-sigurtà tal-lukanda. Kien hu li kien qed imexxi l-iskwadra li kellha tieħu ħsieb is-sigurtà fil-lukanda, flimkien man-nies tal-Vatikan. Ma setax jemmen kif il-Papa kien irnexxielu jiskappa hekk. In-nies tiegħu ma kinux imbeċilli jew inkompetenti. Imma xogħolhom kien mifhum li jżommu 'n-nies milli jidħlu fl-appartament tal-Papa mingħajr permess, mhux li ma jħallux lilu joħroġ. Min kellu jgħidilhom li dal-imbierek jgħaddilu minn moħħu jmur xi mkien bla skorta?

Yohanan daħal fil-kamra u ntefa' quddiem l-iscreens biex jara l-filmati. Kien ġa ta l-ordni li jissiġillaw il-lukanda: "Ma joħroġ jew jidħol ħadd, lanqas ommkom l-għażiża!" Ħadd ma merieh.

"Irrid nara t-tapes mill-bieraħ." Bdew juruh ir-recordings mid-disgħa ta' filgħaxija, xħin hu kien

rahom personalment jagħlqu l-bieb tal-kamra tal-Papa, sa ma l-kardinal ħareġ mill-kamra dalgħodu jgħajjat isteriku. Kien mar biex iqajjem lill-Papa u jgħinu jipprepara għall-ġurnata twila li kellhom, u ma sabux fl-appartament.

Bdew jiflu l-filmati bi speed mgħaġġel imma ma raw lil ħadd dieħel jew ħiereġ mill-bieb tal-appartament. F'waqt minnhom, meta l-ħin fuq l-iscreen kien qed juri nofsillejl u erba' minuti, raw lis-segretarju tal-Papa joħroġ minn kamartu biswit l-appartment tal-Papa u jmur iħabbat mal-bieb tal-Papa. Ma fetaħlu ħadd u reġa' mar lura f'kamartu wara li qal kelmtejn lill-gwardjani li kienu mal-appartament, wieħed bilwieqfa u l-ieħor bilqiegħda.

Il-filmati waslu fi tmiemhom u ma kienu raw xejn stramb. "Erġa' urini," ordna Yohanan. U reġgħu bdew jaraw kollox. Reġgħu raw lis-segretarju ħiereġ iħabbat u jmur lura f'kamartu. Wara ftit li komplew jiflu l-istampi, Yohanan għajjat, "Żomm waħda. Mur lura. Fejn is-segretarju jidħol fil-kamra." Dawru l-istampa lura sakemm waslu fil-biċċa fejn is-segretarju deher iparla ma' tas-sigurtà. "Waqqaf hemm," ordna Yohanan. Dar fuq wieħed minn tiegħu li kien bilwieqfa warajh. "Dak int qed titkellem miegħu, David?"

"Iwa, Sir. Qalli li kien ċempillu l-Papa u qallu li kellu bżonn ikellmu fl-appartament. Imma meta

ħabbat ma fetaħ ħadd. Jien għedtlu biex jidħol u jara x'ġara, imma hu qalli li ma riedx jidħol bla permess għax il-Papa kien iħobb il-privatezza. Barra minn hekk mhix l-ewwel darba li l-Papa kien qed ikellem lil xi ħadd wara ġurnata twila u għajnu tmur bih f'nofs ta' diskursata. 'Dak ħadu n-ngħas u raqad,' qalli. Mhux se mmieri lil min jafu sewwa, hux, Sir?"

Yohanan ma qal xejn. Dar fuq min kien qed iħaddem l-apparat. "Kompli, bil-mod." Baqa' jifli l-istampi sakemm deher is-segretarju jasal ħdejn kamartu u jidħol. "Waqqaf. Waqqaf. Hemm ara. Il-bieb. Reġġa' ftit sekondi lura." Obdieh. Reġa' deher is-segretarju dieħel fil-kamra. "Hemm, rajtu? Il-bieb miftuħ. Meta s-segretarju ħareġ minn kamartu kien għalaq il-bieb. Mur sib fejn qed ngħid."

Reġġgħu dawru l-filmat lura sakemm raw 'is-segretarju ħiereġ u jagħlaq il-bieb. "Rajtu? Il-bieb magħluq ... issa kompli bil-mod ħa naraw kollox." Bdew jiflu kollox bi speed normali: is-segretarju ħabbat u stenna; David u ieħor li kien hemm miegħu dehru jersqu lejn is-segretarju waqt li dan ressaq widintu ħarira lejn il-bieb. "Żomm," għajjat Yohanan. "Hemm: il-bieb l-ieħor." Waqt li s-segretarju u l-uffiċjali tas-sigurtà dehru okkupati jħarsu lejn il-bieb tal-appartament tal-Papa, deher jinfetaħ il-bieb tal-kamra tas-segretarju u minnu ħareġ raġel liebes

jeans skur, qmis bajda u ġakketta skura. Kellu l-leħja u f'idu beritta bajda. Mexa rasu baxxuta biex wiċċu ma jidhirx fil-kameras tas-sigurtà fil-kurituri.

"Il-kamera l-oħra," ordna Yohanan. Bdew isegwu lil dak ir-raġel f'mixjitu matul il-kurituri tal-lukanda, jaqbżu minn kamera għal oħra. Ma kienx hemm ħafna nies barra l-kmamar dak il-ħin. F'ħin minnhom rawh jieqaf ħdejn lift. Deffes il-beritta aktar 'l isfel f'rasu, għafas il-buttuna tal-lift u ħares kemm kemm lejn il-kamera mas-saqaf waqt li stenna. Daħal fil-lift. "Il-kamera tal-lobby," ordna Yohanan. Sabu l-post li riedu fuq dak it-tape u raw 'ir-raġel ħiereġ mil-lift, idawwar wiċċu biex ma jagħrfuhx tar-reception jew tas-sigurtà li kien hemm mal-bieb u joħroġ barra mil-lukanda. Fil-kamera tal-bieb ta' barra rawh jieqaf, jaħsibha lil fejn se jimxi, u mbagħad jitlaq iħaffef bil-mixi lejn naħa minnhom.

"Alla tal-ħniena," qal Yohanan. "Qiegħed waħdu hemm barra."